**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 83

**Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 20 ta' Diċembru2018**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fl-4.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Magda Magri Naudi – Sindku
Stephanie Cutajar– Viċi Sindku (waslet fil-5.15pm)
Massimo Scerri – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Salvu Farrugia – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv (Deputat SE)

## Minuti

Is-Sindku Magda Magri Naudi, ippresediet il-laqgħa.

### 83.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

83.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

### 83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 82

83.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-Tnejn u Tmenin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

83.2.2 Is-Sindku staqsiet jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti.

83.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader*, Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Kunsillier Massimo Scerri, il-minuti ġew approvati unanimament.

### 83.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

83.3.1 Ma kienx hemm punti li joħorġu mill-minuti.

### 83.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**F'dan il-ħin (4.40pm) ġiet sospiża l-laqgħa biex is-Sindku tagħti *feedback* fuq il-laqgħa li kellha mal-Onor. Silvio Parnis. Il-laqgħa kompliet fil-4.50pm.**

83.4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa mas-surġent tal-għassa ta' Birkirkara biex jara n-nuqqasijiet li hawn fil-lokalita'. Is-Sindku infurmatu li l-Kunsill kien ilu jitlob li jkollu għassa fil-lokalita'. Dwar dan, is-Surġent infurmha li hija kważi impossibbli li f'Ħal Lija jkun hawn għassa għax m'għandhomx biżżejjed pulijzija.

**F`dan il-ħin (4.55pm) il-Kunsillier Massimo Scerri talab li jiġi skużat mil-laqgħa peress li kellu mpenji oħra.**

### 83.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

83.5.1 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia staqsiet kienx infurma lill-TM dwar il-*white dotted line* quddiem ix-*showroom* tar-Renault għax sal-lum għadhom ma sarux. Id-Deputat SE ikkonfermat li TM kienu ġew infurmati u ser terġa' tibgħatilhom *reminder*.

83.5.2 Il-*Minority* Leader staqsiet jekk it-triq bil-garaxxijiet li hemm wara San Anton tistax tingħata isem għax skond hi m'għandhiex isem. Skond il-*Minority Leader*jekk din it-triq tingħatalha isem, ma taffettwa lill-ħadd għax kull m'hemm garaxxijiet biss. Ser jiġi ċċekkjat il-kuntratti tal-garaxxijiet kif kienu saru, u jekk verament it-triq m'għandiex isem, il-Kunsill għandu jikkunsidra li jagħti isem lil din it-triq.

### 83.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

83.6.1 ***Draft Budget* 2019**
Id-*Draft Budget* għas-sena finanzjarja 2019 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (anness – Dok 1). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE spjegat xi affarijiet lill-Kunsilliera.

83.6.2 L-estimi, kif kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sindku, ġew approvati unanimament. Is-SE ser tippreżenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti biex tiġi ffirmata waqt l-laqgħa li jmiss.

### 83.7 *One-Way System* fi Triq Annibale Preca

83.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tpoġġiet il-pjanta (annessa – Dok 2) ppreparata mill-Perit tal-Kunsill ta' kif qed tiġi proposta l-*One-Way System* fi Triq Annibale Preca. Kopja tal-pjanta ingħatat lil kull kunsillier

qabel il-laqgħa.

83.7.2 Din il-pjanta ġiet diskussa u unanimament approvata mill-Kunsill. Il-pjanta se tintbagħat lill-TM għall-approvazzjoni tagħhom.

83.7.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li reġgħet kellmet lill-TM fuq Triq il-Mosta, int u ħiereġ minn Ta' Senna għax xorta qed ikollhom jistennew. TM infurmawha li għadhom ma sabux soluzzjoni għal din il-problema.

83.7.4 Il-Kunsill innotta li l-uniku soluzzjoni hija li jieħdu biċċa art u jiftħu triq ġdida. Ser jittieħdu ritratti ta' din l-*area* u nibgħatu *request* lill-TM.

## 83.8 *Citrus and Harvest Festival* 2019

83.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill bil-preparamenti għal din l-attivita'.

83.8.2 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li l-Konferenza Stampa se ssir nhar l-Erbgħa 16 ta' Jannar 2019 fl-10.00am, bil-parteċipazzjoni tal-Onor. Silvio Parnis. Il-Kunsill qabel li l-Konferenza Stampa ssir fejn il-Mitħna. Id-Deputat SE se toħroġ *Press Call* dwar dan.

83.8.3 Id-Deputat SE infurmat ukoll li skond l-approvazzjoni (Ċirkulari 9/2017) l-attivita' għandha tkun koperta b'assigurazzjoni, kif ukoll għandhu jsir *risk assessment* tal-post qabel l-attivita'. Id-Deputat SE ser tieħu ħsieb tagħmel l-assigurazzjoni, kif ukoll ser iġġib kwotazzjoni għar-*risk assessment* mingħand il-persuna li kienet għamlet ir-risk assessment tal-uffiċċju.

**F'dan il-ħin (5.20pm) daħlet il-Viċi Sindku Stephanie Cutajar għall-laqgħa.**

## 83.9 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

83.9.1.1 **<u>Talba mill-impjegati biex iġġeddu xi *leave* għas-sena 2019</u>**
Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li rċeviet ittri mill-impjegati, fejn qed jitlobu sabiex iġġeddu xi *leave* ta` din is-sena għal 2019. L-impjegata Dorianne Bonnici Bondin qed titlob biex iġġedded 18-il siegħa, Pamela Borg qed titlob biex iġġedded 48 siegħa u Audrey Pace qed titlob biex iġġedded 10 sigħat.

83.9.1.2 Il-Kunsill approva unanimament.

83.9.2.1 **<u>Ċirkulari AKL 2018/157 – *Group Health Insurance Policy Renewal* 2019</u>**
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/157 – *Group Health Insurance Policy Renewal* 2019 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Id-Deputat SE infurmat li l-Kunsill għandu l-obbligu li jħallas din il-polza lill-ħaddiema klerikali u lill-Kunsilliera. Id-Deputat SE infurmat ukoll li l-ħaddiema li qiegħdin fuq l-iskemi tal-CWSEF, RSSL u CIES huma wkoll eliġibli li jidħlu f'din il-polza tal-assigurazzjoni, b'approvazzjoni tal-Kunsill.

83.9.2.2 Il-Kunsill unanimament approva li jagħmel din il-polza lill-ħaddiema klerikali, lill-Kunsilliera u lit-tliet ħaddiema li qiegħdin fuq l-iskemi assenjati mal-Kunsill. Id-Deputat SE ser tibgħat il-pagament minnufih peress li l-ħlas irid isir sat-28 ta' Diċembru 2018.

83.9.3.1 **<u>Talba biex isiru *double yellow lines* mal-ġnub tad-*drive-in*</u>**
Residenta qed titlobli jsiru *double yellow lines* mal-ġnub tad-*drive-in* tad-dar tagħha fi Triq Annibale Preca għax peress lit-triq dejqa ma tkunx tista tidħol u toħroġ bil-karozza mill-*gate.*

83.9.3.2 Ser tiġi ċċekkjata l-*area* u napplikaw għal permess ma' TM.

83.9.4.1 **<u>Bankini fi Vjal it-Transfigurazzjoni</u>**
Residenta li toqgħod f'dar 27, Vjal it-Transfigurazzjoni qed titlob li jerġgħu jsiru l-bankini ta' din it-triq (speċjalment tan-naħa tal-ġnien) għax huma fi stat diżastru u imħarbtin, faċli wieħed jaqa' u jweġġa'.

83.9.4.2 Il-Kunsill iddeċieda li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom iduru l-bankini msemmijja billi jimlew il-ħofor li fihom.

83.9.5.1 **<u>Ittra uffiċjali mill-qorti dwar inċident stradali fi Triq il-Kunċizzjoni</u>**
Ġiet innutata ittra uffiċjal mibgħuta mill-qorti dwar inċident stradali fi Triq il-Kunċizzjoni nhar id-29 ta' f'Marzu 2015. Permezz ta' din l-ittra qed jitolbu lill-Kunsill iħallas l-ammont ta' €5,240.59c, kif ukoll l-

imgħax u spejjeż legali.

83.9.5.2 Il-Kunsill ma jaf xejn fuq dan il-każ. Id-Deputat SE qalet li l-avukati tal-Kunsill ġew infurmati mmedjatament, u tweġiba *standard* ġiet ippreżentata l-qorti f'isem il-Kunsill. L-Aġenti tal-Assigurazzjoni tal-Untours issa jistgħu jipproċedu billi jippreżentaw kawża kontra l-Kunsill.

83.9.6.1 **Talba għal kumpens għal ħsara li għamel fuq il-vettura**
Resident qed jitlob kumpens għal ħsara li għamel fuq il-vettura tiegħu (barxa mal-qiegħ) konsegwenza ta' ħofra li ma kienitx tidher bl-ilma tax-xita fi Trejqet il-Kleriku Ġakbu Abela. L-ispejjeż jammontaw €170.00.

83.9.6.2 Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u ma approvax li jħallas il-kumpens għax kullħadd jaf l-istat li tinsab fiha t-triq tant li ser tiġi rranġata minn *Infrastructure Malta* fix-xhur li ġejjien. Sadanittant, il-Kunsill ser iwaħħal tabelli fiż-żewġ naħat tat-triq fejn jinfurmaw lis-sewwieqa li min jgħaddi mit-triq, ser jgħaddi għar-riskju tiegħu.

83.9.7.1 **Art fi Triq Mansweta k/m Triq Kardinal Ferretti**
Dwar l-art li l-Kunsill kien indika lill-Onor. Silvio Parnis, fi Triq Mansweta k/m Triq Kardinal Ferretti, ġejna nfurmati li skond ir-rekords li għandhom l-Awtorita` tal-Artijiet, din l-art hija proprjeta' tal-Gvern (proprjeta` eks-Knisja) u għandha r-referenza A.146/2002.

83.9.7.2 L-Onor. Chris Agius, Segretarju Parlamentari għall-ippjanar u s-suq tal-proprjeta' qed jissuġġerixxi li l-Kunsill japplika għal din l-art b'mod formali mal-Awtorita' tal-Artijiet permezz tal-formola GLA 3.

83.9.7.3 Id-Deputat SE ser tiċċekkja dwar kif għandha timtela' din l-applikazzjoni. Din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

83.9.8.1 **Talba biex issir *Keep Clear Bay***
Wara li TM m`approvawx l-applikazzjoni biex isiru il-*bollards* u *white walking line* quddiem ir-residendza tagħha 142, Triq il-Kbira, ir-residenta qed titlob li ssir *Keep Clear Bay* faċċata biex il-vannijiet ma jafsux mal-faċċata jew inkella indikazzjoni kif għandhom jipparkjaw biex b'hekk ma jintilefx parkeġġ. Dan minħabba li l-problema li vetturi kbar ikunu ser jolqtulha l-gallarija, għadha tippersisti.

83.9.8.2 Il-Kunsill unanimament qabel li napplikaw għall-permess ma' TM biex issir *parking lines* u tabella *'Park within the lines'* faċċata tar-residenza.

83.9.9.1 ***Encounters with Valletta***
Il-Fondazzjoni *Malta Community Chest Fund* ingħatat donazzjoni ta` numru sostanzjali ta` kotba bl-isem *'Encounters with Valletta'*. L-ispejjeż biex ġie ppreparat il-ktieb u l-istampar tħallsu mill-benefattur, sabiex il-qligħ mill-bejgħ imur kollu għal MCCF. Għalhekk qed jistaqsu lill-Kunsill, jekk hux interessat li jixtri l-imsemmi ktieb li qed jinbiegħ għal €80.

83.9.9.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jinxtara ktieb.

83.9.10.1 **Kwotazzjonijiet biex tiġi nstallata *CCTV camera* fl-uffiċċju**
Id-Deputat SE ressqet 5 kwotazzjonijiet li ġabet biex tiġi nstallata *CCTV camera* fl-uffiċċju:
1. ICT Services - €338.00
2. Firetech - €429.86
3. Alarmtech - €796.50
4. Surveillance Services - €938.10
5. Technology Services - €919.22

83.9.10.2 Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta' ICT Services.

83.9.11.1 **Talba biex isir skip f'Ta' Senna**
Resident qed jitlob li jsir skip f'Ta' Senna peress li issa qiegħed jinġabar l-*organic* u jinħareġ kmieni minħabba lin-nies immoru għax-xogħol u għalhekk qed jitħalla għal tul ta' ħin barra u l-qtates qed iqattgħu il-boroż.

83.9.11.2 Din it-talba ma ġietx approvata għax il-Kunsill huwa marbut b'kuntratt li jeskludi l-obbligu li l-kuntrattur jiġbor l-iskart minn skip. Minflok skip, il-Kunsill iddeċieda li jsir kompartament imdawwar bil-metall bħal ma' hemm fejn il-*Housing Estate,* biex il-kuntrattur ma jkollhux diffikulta' biex jiġbor l-iskart minnhu.

83.9.11.3 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li llum, il-Ħamis 20 ta' Diċembru 2018, residenta nfurmata li rat lill-kuntrattur jiġbor borża bl-iskart organiku minn Triq Antonio Azzopardi, meta llum jinġabar skart imħallat (borża sewda). Se nkellmu l-kuntrattur biex din ma terġgħax issir.

83.9.12.1 **<u>Bankina quddiem residenza fi Triq Ġużeppi Portelli</u>**
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qed titlob li tiġi rranġata bankina ta' quddiem residenza fi Triq Ġużeppi Portelli għax qiegħda livell mal-għatba u meta tagħmel ix-xita qed jidħlilhom l-ilma ġewwa. Din il-bankina kienet saret meta saret it-triq li kellha tingħata saff *tarmac* oħxon biex tiġi livell ma' Triq Massimiliano Debono.

83.9.12.2 Il-Kunsill ser iqabbad lill-Perit biex iġib stima tax-xogħlijiet biex il-bankina tiġi rranġata bħal ma jkun hemm quddiem il-garaxxijiet.

83.9.13.1 **<u>*Double yellow lines* fi Sqaq Nru. 1, Triq il-Kunċizzjoni</u>**
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qed titlob lid-dyl li għadhom kif saru bl-approvazzjoni ta' TM faċċata ta' 8/9 jiqsaru għax ġew twal ħafna u b'hekk ma jintilifx *parking*. Min-naħa l-oħra, żewġ residenti qed jgħidu li jekk jiqsaru u tipparkja karozza, jiġi ostakolat l-aċċess tal-isqaq peress li dik il-parti tidjieq.

83.9.13.2 L-*area* se terġa' tiġi ċċekkjata b'karozza pparkjata fil-post biex jiġi dderterminat jekk id-dyl għandhux jiqsar.

83.9.13.3 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qed titlob li jiqsar ukoll id-dyl li hemm fl-istess sqaq faċċata ta' dar '*Arches'* biex ikun hemm aktar spazju għall-parkeġġ. Min-naħa l-oħra ir-resident li joqgħod fid-dar *'Arches'* qed jgħid li dan id-dyl mhux talli jiqsar imma anzi għandu jittawwal b'nofs metru l'ġewwa għax minħabba li saru d-dyl faċċata ta' 8/9,issa l-karozzi qed jipparkjaw faċċata tal-garaxx tiegħu u ma jkunx jista' jidħol u joħroġ.

83.9.13.4 Il-Kunsill qabel li għandha tiġi ċċekkjata l-*area*.

83.9.14.1 **<u>Talba għal *double yellow lines* mal-ġenb ta' garaxx fi Triq is-Salvatur</u>**
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn li jsir nofs metru dyl mal-ġenb ta' garaxx bil-bieb aħdar li jinsab faċċata ta' ras l-iljun fi Triq is-Salvatur.

83.9.14.2 Ser napplikaw għal permess ma' TM biex isir dyl man-naħa tax-xellug (meta tħares lejn il-garaxx).

83.9.15.1 **<u>*Parking bays* fi Triq Antonio Azzopardi</u>**
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qalet li kellmuha xi nies dwar il-*parking* bays fi Triq Antonio Azzopardi. Qalet li hemm min irid il-*parking bays* (fil-parti l-wiesgħa) wara xulxin u hemm min iridhom *slanting*. Għalhekk qed tissuġġerixxi li nibgħatu ittra fir-residenzi kollha ta' Triq Antonio Azzopardi biex ninfurmawhom b'dawn iż-żewġ *options,* fejn għandhom jindikawlna liema *option* jippreferu sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni.

83.9.15.2 Il-Kunsill qabel li jibgħat l-ittri. Fuq l-ittra għandha tiġi stipulata data sakemm jistgħu jibgħatu risposta u tiġi diskussa aktar 'il quddiem.

83.9.16.1 **<u>Għalqa f'Ta' Senna</u>**
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li kif titla' t-telgħa għal Ta' Senna hemm għalqa, intrema xi skart fiha.

83.9.16.2 Il-Kunsill innota li din għalqa privata lis-sid għandu jnaddaf u li l-Kunsill ma jafx min hu s-sid.

83.9.17.1 **<u>Applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA</u>**
Is-Sindku ressqet lista tal-applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

83.9.17.2 Fuq PA/09306/18 u PA/10934/18, il-Kunsil ma jsibx oġġezzjoni.

83.9.17.3 Fuq PA/11042/18, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni pero' ġie innutatli l-villa tinsab fi Triq Limiti ta' Sejduna u mhux Trejqet Kleriku Gakbu Abela. Il-PA ser jiġu nfurmati.

83.9.17.4 Fuq PA/11220/18, il-Kunsill innotat li din applikazzjoni ġdida fuq l-istess sit ta' Triq Annibale Preca k/m Triq Sant'Antnin, li l-Kunsill kien oġġezzjona u l-PA għadha kif irrifjutat li toħroġ permess. Ser jiġu ċċekjati l-pjanti tal-applikazzjoni l-ġdida u jintbagħtu lill-Kunsilliera biex jiġi deċiż jekk il-Kunsill għandhux joġġezzjona jew le.

## 83.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

83.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 12 (mehmuża) li tinkludi l-ammont ta' €17.93 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Novembru 2018. Ir-rendikont tal-Petty Cash jinsab mehmuż.

83.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kien issekondat mill-Viċi Sindku Stephanie Cutajar.Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 83.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

83.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00pm.

83.11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 24 ta' Jannar 2019 fil-5.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 24 ta' Jannar 2019.

**IFFIRMATA**

Magda Magri Naudi
Sindku

**IFFIRMATA**

Doriette Farrugia
Deputat Segretarju Eżekuttiv